MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2005

Numru 182/2003

Il-Pulizija
(Spettur Robert Gregory)

vs

Jurgen Xerri

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra Jurgen Xerri ta' karta ta' identita' numru 151479(m), akkuzat talli fis-16 ta' Frar 2003 ghal habta tas-siegha ta' wara nofsinhar mill-post maghruf bhala Triq il-Wasliet, San Giljan:

1. bhala komplici kkommetta serq minn vettura tal-ghamla Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni ABH 529 liema oggetti jikkonsistu f'Hi Fi Stereo u handbag li kien

jikkontejni oggetti ghad-detriment ta’ Petra Marie Ellul Mercer minn Swieqi, liema oggetti jiswew iktar minn hamsin lira maltin (lm50) izda anqas minn mitejn lira maltin (Lm200), u liema serq huwa aggravate bil-valur u x-xorta tal-haga misruqa u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 261, 268, 271 u 279(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. fl-istess hin, lok u cirkostanzi, bhala komplici ppermettejt li jigi kommess hsara volontarja fuq il-gemb tal-vettura Fiat Punto, bin-numru ta’ registrazzjoni ABH 529, ghad-dannu ta’ Petra Marie Ellul Mercer minn Swieqi liema hsara teccedi l-Lm100 izda ma teccedix il-Lm500 u dan bi ksur tal-Artikolu 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi bhala komplici bil-hsieb li taghmel delitt urejt dan il-hsieb b’atti esterni u tghajt bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt huwa ta’ serq minn vettura tal-ghamla Fiat Punto bin-numru ta’ registrazzjoni ABH 529 liema oggetti jikkonsistu f’Hi Fi stereo u handbag li kien jikkontjeni oggetti ghad-detriment ta’ Petra Ellul Mercer minn Swieqi, liema oggetti jiswew aktar minn hamsin lira (Lm50) izda anqas minn mitejn lira maltin (Lm200) u liema serq huwa aggravate bil-valur u x-xorta tal-haga misruqa u dan bi ksur ta’ l-Artikoli 41(1)(a), 261, 268, 271 u 279(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. rrenda ruhhu recidiv b’sentenza li saret defitittiva nhar 21 ta’ Jannar 1998 liema sentenza giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati f’Awla numru 4.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-imputat huwa mixli b'komplicita' f'serq aggravat bl-ammont u x-xorta tal-haga, ta' attentat ta' serq u hsara volontarja.

Il-fatti fil-qosor huma li fis-16 ta' Frar 2003 d-derubata Petra Marie Ellul Mercer kienet ghand ommha tippranza. Il-hin kien fic-cert wara s-siegha ta' wara nofs in nhar. Jippranzaw f'dik l-okkazjoni kien hemm il-geniuri taghha, bintha u l-familja t'ohta. Hi tghid li kienu ghaddew appena ghaxar minuti minn meta kienu bdew jieklu meta cempel it-telefon fejn gew infurmati li kien hemm xi persuni fil-vettura taghha. Din il-vettura kienet Fiat Punto numru ta' registrazzjoni ABH 529. Kienu pronti hargu barra jivverifikaw u effettivament rat zewg persuni gewwa l-vettura taghha. Tghid li l-imputat ma kienx wiehed minn dawn iz-zewg persuni izda osservatu jassisti lil wiehed minnhom. Intant beda insegwiment li fil-kors tieghu dik il-persuna li telqet tigri rikbet f'Peugeot li n-numru ta' registrazzjoni taghha gie osservat li kien ABH 178 li skond id-derubata u r-ragel t'ohtha kienet qeghdha misjuqa mill-imputat. Sussegewntement l-imputat gie arrestat. Kienu ghal habta ta' l-4.00 ta' wara nofs in nhar meta kien mar jirraporta is-serq tal-vettura tieghu fl-ghassa tal-Hamrun.

Illi ghandu jirrisulta indubitat illi l-htija jew altrimenti tal-imputat jiddependu unikament fuq il-fatti li ssuccedew bejn is-1.00pm u l-4.00pm ta' wara nofs in nhar ta' dik il-gurnata tenut kont il-principju bazilari fil-kamp kriminali li spetta lill-prosekuzzjoni li tipprova l-kaz taghha minghajr ombra ta' dubbju waqt li hu sufficjenti ghall-imputat li jipprova fuq bazi tal-probabbli.

Illi l-imputat jinnega li hu kien involut f'din is-serqa mill-vettura kif fuq intqal. Sostna li fil-hinijiet imsemmija hu kien wassal lit-tfajla tieghu l-Marsa u minn hemm insterqitlu l-vettura. Huwa pacifiku hawnhekk li l-vettura li intuzat kienet proprjeta' tal-imputat li apparti li xehed ipproduca xhieda ohra sabiex jipprova l-estranjeta' tieghu fis-serqa.

Illi f'dan l-istadju l-esercizzju li fil-fehma ta' din il-Qorti ghandu jsir hu li tezamina l-hinijiet li jissemmew mid-diversi xhieda sabiex tara jekk l-versjoni tal-imputat kif minnu sostnuta ghandhiex mill-probabbli.

Illi fil-kuntest ta' dan jirrisulta:

- skond Petra Ellul Mercer (id-derubata): li l-hin li ircevew it-telefonata u raw iz-zewg persuni gewwa l-vettura taghha kien circa is-siegha u kwart;
- skond Christopher Gialanze (ir-ragel t'oht id-derubata): li l-hin tat-telefonata kienet circa s-satghejn. Stqarr wkoll dan ix-xhud li bejn li telaq jigri fl-insegwiment tal-guvni u li tela fil-vettura tad-derubata minn fejn telqu isuqu wara l-Peugeot kienet skorriet circa nofs siegha. Zied ikkalkolha li meta gew qrib il-Peugeot taht il-mina tat-Triq Regjonali, s-Swieqi, kienu circa s-satghejn u nofs.
- skond l-imputat: li fis-siegha u nofs kien l-Marsa fejn r-residenza tieghu fejn wassal t-tfajla tieghu. Hemmhekk dahal f'hanut u meta hareg sab nieqsa l-vettura tieghu. Iddobba passagg ghall-ghassa ta' Rahal Gdid li irriferewh ghal dik tal-Hamrun. Bil-pass mar ghand ohtu f'Santa Lucia li waslitu l-ghassa tal-Hamrun fejn irraporta l-ghejbin tal-vettura tieghu. Il-hin meta ghamel dan ir-rapport kien t-3.55pm.
- skond ix-xhieda prodotti minnu: jikkonfermaw u jikkoroboraw l-imputat filli fis-siegha u nofs kien il-Marsa, fl-4.00pm neqsin mar jirraporta l-ghassa tal-Hamrun, f'xi hin qabel kien mar l-ghassa ta' Rahal Gdid. Oht l-imputat Desiree' Cassar stqarret li huha l-imputat wasal ghandha ghal habta tat-3.15pm.

Illi ghall-komponiment tal-istampa hemm xi fatturi ohra li tajjeb jigu elenkati:
- li l-imputat gie identifikat bhala s-sewwieq tal-vettura Peugeot ftit hin wara biss l-misfatt;
- li l-imputat wara li kien gie interrogat instema' jghid li kien dispost ihallas l-ispejjez li saru lill-vettura tad-derubata – xhieda ta' PS 1492 Joseph Pace – folio 40;

- li l-vettura tieghu giet lilu ritornata erba' tijiem fuq is-serqa wara rapport li kien wasal lill-Pulizija tal-Hamrun li kien hemm vettura suspettuza fejn il-Kunvent tal-Kapuccini;
- li inghad fl-okkorrenza li l-vettura kienet f'kundizzjoni tajba izda kellha l-istereo taghha nieqes u wkoll xi borsa b'xi hwejjeg personali tal-imputat;
- li l-imputat ghazel li ma jirrispondi ghall-ebda domanda fl-interrogatorju tieghu (kif kien id-dritt tieghu) billi spiega li l-pulizija kienu insistew mieghu li kien involut fis-serqa.

Illi huma fuq dawn il-fatti li din il-Qorti, wara li ikkunsidrathom b'attenzjoni u hasbet fuqhom, tasal ghall-konkluzjoni li l-imputat ghandu jinstab hati tal-ewwel u t-tieni akkuza izda mhux it-tielet. Il-Qorti dan qed isostnieh billi anke fuq il-bazi tal-probbabbli l-imputat ma irnexxilux jikkontrasta il-prova certa u skjetta tal-identifikazzjoni tieghu qua s-sewwieq. Anzi mill-fatti kif esposti, u hawnhekk il-Qorti ppruvat tghati stampa l-izjed ampja taghhom, din l-istess Qorti aktar ma hasbet aktar tnissel konvinciment fiha li dak li ttanta jaghmel l-imputat kien biss kopertura u xejn aktar.

Bil-bqija gew sodisfacjentement pruvati kemm is-serq eccedenti l-Lm100 izda mhux l-Lm1000 u l-hsara volontarja li tiskorri Lm50 izda hi inqas minn Lm500;

Tiddecidi ghalhekk billi fil-waqt li ma ssibux hati tal-ahhar akkuza billi ma tirrisultax issibu hati tal-ewwel u t-tieni akkuza. Rat l-Artikolu 42(d), 261(c)(g), 267, 271(g), 278(1)(2), 325(b) u 179(b)(h) tal-Kap 9 u kkonsidrat il-fedina penali tieghu, tikkundannah disa xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------